# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors**
**MASS VO 0629**


*Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.*
*Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta*
*website: mass.org.mt  email: info@mass.org.mt*



## Editorjal *minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Membri,

Nittamaw li tinsabu f'saħħitkom, kif ninsabu aħna. Dan huwa l-ewwel messaġġ tagħna għal din is-sena. Ix-xogħol tal-MASS diġà qabad ir-rankatura, hekk kif bdejna l-preparazzjonijiet għal-Laqgħat Ġenerali Annwali tal-kumpaniji, u fil-fatt waħda minnhom diġà saret. Bdejna wkoll niltaqgħu mal-uffiċjali u l-maniġment tal-kumpaniji, sabiex jipprovdulna aġġornament fuq l-andament tal-kumpanija u biex inressqu l-mistoqsijiet u s-suġġerimenti li niġbru mingħandkom.

Bħalissa qed nippreparaw ukoll għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS, li qed nimmiraw li ssir f'Marzu 2026. Għaldaqstant, inħeġġukom minn issa sabiex tkunu ppreparati biex tattendu u tressqu s-suġġerimenti, il-kjarifiki, il-kritika, u l-mistoqsijiet li jista' jkollkom, ħalli nkomplu ntejbu l-qagħda tal-Assoċjazzjoni MASS u b'hekk tibbenefikaw intom, il-membri. F'din il-laqgħa se nippreżentaw ir-rapporti li s-soltu jingħataw, u kif se taraw, is-sena li għaddiet il-MASS għal darb'oħra kellha sena rekord f'dak li għandu x'jaqsam ma' laqgħat u impenji. Għalhekk nappellaw sabiex inkomplu nżidu l-għadd ta' membri fl-Assoċjazzjoni, ħalli nkomplu nsaħħu l-vuċi tal-investitur żgħir.

Fir-rigward tas-sena li għaddiet, kif tafu, kien hemm diversi diżappunti fis-suq lokali. Madanakollu, ma rridux inkunu pessimisti, għax nemmnu li kienet waħda mill-aħjar snin f'dak li għandu x'jaqsam mad-dividendi. Is-sena ta' qabel, l-2024, kienet sena tajba ħafna f'dan ir-rigward, u minn dak li rajna u smajna sa issa, naħsbu li l-2025 se tkun saħansitra aħjar. Nafu wkoll li hemm diversi kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta li bħalissa għandhom prezzijiet baxxi. Dan, però, jista' jkun mument opportun għal min jixtieq jixtri, peress li ħafna minn dawn il-prezzijiet huma taħt il-valur nett tal-assi (NAV), u hemm numru ta' kumpaniji li qed joffru dividendi tajbin. Barra minn hekk, għandna kumpaniji li daħlu fi programmi ta' *buy-back*, u dan qed jgħin biex min jixtieq ibigħ isib suq aktar stabbli, mingħajr pressjoni kontinwa fuq il-prezzijiet. Bil-prezzijiet tal-ishma kif inhuma llum, wieħed jista' wkoll jibbilanċja jew iqabbel xi investimenti li saru bi prezzijiet ogħla fil-passat. Għaldaqstant, din is-sitwazzjoni tista' tkun favorevoli wkoll minn dan l-aspett.

Dan huwa l-ewwel magażin ta' din is-sena u, bħas-soltu, huwa mimli b'tagħrif u artikli interessanti. F'din in-*newsletter*, numru 96 ta' Jannar 2026, se ssibu l-**Editorjal** miktub minni, Tarcisio Barbara, bħala Viċi-President u Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara ssibu r-rapport dwar l-**Impenji tal-MASS**, miktub ukoll minni, li jkopri l-attivitajiet u l-impenji kollha li kellha l-MASS fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2025. Issibu wkoll artiklu bl-Ingliż mis-Sur Mark Demarco, it-Teżorier tal-MASS, bit-titlu ***Moneybase Community Event at Calamatta Cuschieri***, li sar fit-22 ta' Jannar 2026. Fl-aħħar nett, issibu **Wħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom**, kif ukoll l-**Avviżi** relevanti f'paġna 23.

Nittamaw li din ir-rivista, bħall-oħrajn, issibuha interessanti u utli. Min-naħa tagħna, napprezzaw ħafna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom. Nixtieq nirringrazzja, f'isem sħabi kollha, lil dawk il-membri li kitbulna jew ċemplulna biex jesprimu l-apprezzament u l-appoġġ tagħhom; dawn ikomplu jinkoraġġuna biex nibqgħu mexjin 'il quddiem.

***Disclaimer***
*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

NEWSPAPERPOST

Jekk xi ħadd minnkom għandu xi artiklu li jixtieq jippubblika, nistednuh jibagħtulna. Nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nirringrazzja b'mod speċjali lill-*isponsors* kollha elenkati taħt ***Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders* (MASS)** fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll, f'isem il-MASS, lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett.



# Impenji tal-MASS Ottubru u Novembru 2025

***Minn Tarcisio Barbara***

**Fit-8 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar, wħud mill-kumitat iltqajna ma' membru tal-MASS, li talab xi kjarifiki u għamlilna xi mistoqsijiet fuq aspetti finanzjarji. Din il-laqgħa saret fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta.

**Fit-8 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar ukoll, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS,fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta.[Id-9 membri tal-Kumitat kienu kollha preżenti].
Il-laqgħa bdiet fl-4.15 pm skont l-aġenda li ġejja:



1. Qari tal-Minuti tal-Laqgħa preċedenti
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Riżultati ta' Laqgħat li saru
5. Assigurazzjoni għall-Membri tal-Kumitat
6. Stħarriġ MASS
7. Konferenza GRC & ESG 2026
8. Laqgħa mal-Ministru tal-Artijiet dwar il-Proġett MIDI
9. Laqgħat u Konferenzi li ġejjin
10. Affarijiet oħra

**1. Qari tal-Minuti**

Is-Segretarja Ġenerali qara l-minuti tal-aħħar Laqgħa tal-Kumitat tal-MASS. Saru żewġ korrezzjonijiet li ġew emendati kif propost. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**2. Riżultati mill-Minuti**

Fondi CSF – Il-MASS issottomettiet applikazzjoni għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni relatati mal-konferenza Better Finance li saret f'Ġunju 2025. Mill-Organizzazzjoni Volontarji mistennija jwasslu r-rimborż f'Diċembru 2025.

Tours MASS – Kevin Mizzi kkonferma li ġiet ivverifikata l-possibbiltà li jiġi organizzat *tour* fil-BOV, li huwa ppjanat li jsir kmieni s-sena d-dieħla. It-*tour* tal-MIDI se jsir fil-futur qarib, għalkemm għad ma ġietx stabbilita data.

MIDI plc – Kevin Mizzi se jikkuntattja lill-MIDI biex tiġi organizzata laqgħa mal-MASS.

Websajt MASS – Olena Borg issuġġeriet li ssir laqgħa fejn il-membri kollha tal-Kumitat jaraw il-websajt tal-assoċjazzjoni u jiddiskutu x'għandu jiġi aġġornat jew miżjud. Jekk ikun hemm bżonn, jista' jiġi kkuntattjat fornitur ta' servizzi biex jagħti pariri dwar kif il-websajt tista' titjieb skont il-bżonnijiet tal-MASS.

Formoli tal-Prokura – Tarcisio Barbara kellu laqgħa ma' Calamatta Cuschieri fejn ġew diskussi diversi punti. Il-MASS innutat li meta formola ta' prokura (*proxy*) tkun relatata ma' kont konġunt, ikun permess biss li wieħed mid-detenturi jattendi l-LĠA. Din il-kwistjoni ġiet solvuta waqt il-laqgħa. Ġie nnutat ukoll li xi formoli tal-prokura ma jagħtux għażliet ta' preferenzi għall-votazzjoni, u b'hekk il-voti jgħaddu awtomatikament għand iċ-Ċermen tal-laqgħa. Calamatta Cuschieri ħadu nota wkoll ta' dan il-punt. Kwistjoni oħra tikkonċerna l-pjattaforma Moneybase, fejn jidher li xi azzjonisti minoritarji ma jafux kif jużawha. Calamatta Cuschieri issuġġerew li l-MASS tista' torganizza konferenza dwar dan is-suġġett. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-taxxa qed jitolbu ċertifikat tat-taxxa mingħand azzjonisti li għandhom l-ishma tagħhom fuq *nominee*. Tarcisio Barbara pprova jagħmel kuntatt mas-Sur Mario Cilia mid-Dipartiment tat-Taxxa, iżda s'issa ma waslet l-ebda risposta.

Laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi – Kevin Mizzi se jorganizza din il-laqgħa.
Laqgħa ma' Computime – Kevin Mizzi se jorganizza l-ewwel laqgħa ta' familjarizzazzjoni ma' din il-kumpanija.
Laqgħa ma' LifeStar Holding plc – Din il-laqgħa se ssir fil-futur qarib
Laqgħa ma' Malita – Il-MASS talbet laqgħa ma' din il-kumpanija, iżda s'issa ma waslet l-ebda risposta.

M&Z p.l.c. is a publicly listed company on the Malta Stock Exchange trading in fast-moving consumer goods. The portfolio includes reputable household names in **foodstuffs**, **home & personal care, baby & kids care, pet care** and **wines & spirits**.

***Just a few brands we're proud to represent...***

We're delighted to launch our M&Z p.l.c. **Shareholder Privilege Card** allowing M&Z shareholders to benefit from discounts when purchasing groceries & other items from **whatsinstore.com.mt**

Email us on invest@mz.com.mt
for further information.
Terms & conditions apply.

mz.com.mt

Quinco Holdings plc – Il-MASS kitbet lill-kumpanija dwar il-ħatra ta' Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi responsabbli għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji. Madankollu, waslet risposta li l-Bord tad-Diretturi diġà kien inħatar.

Credia Bank – Il-MASS ġiet mistiedna għal laqgħa mas-CEO ta' Credia Bank, li saret f'Settembru fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana. Ġew diskussi diversi kwistjonijiet u tħassib tal-azzjonisti minoritarji dwar it-teħid futur tal-HSBC Bank Malta.

**3. Korrispondenza**
Il-korrispondenza kollha mibgħuta u riċevuta diġà ġiet iċċirkolata lill-membri tal-Kumitat.

**4. Riżultati ta' Laqgħat li saru**
Skont il-lista mehmuża.

**5. Assigurazzjoni għall-Membri tal-Kumitat**
Il-MASS qed tikkunsidra li tinvesti f'assigurazzjoni ta' indemnità għall-membri tal-Kumitat. Kevin Mizzi kkuntattja lil Mapfre Insurance għal kwotazzjoni li tammonta għal madwar €1,670 fis-sena. Id-deċiżjoni finali tittieħed wara li tinkiseb informazzjoni dettaljata u ssir laqgħa mal-kumpanija tal-assigurazzjoni.

**6. Stħarriġ MASS**
Il-MASS qed tikkunsidra li tuża l-pjattaforma SurveyMonkey f'każ li jkun hemm bżonn jitnieda stħarriġ rapidu dwar suġġett partikolari. Kevin Mizzi se jinvestiga aktar din l-inizjattiva.

**7. Konferenza GRC & ESG 2026**
Il-Borża ta' Malta (MSE) talbet lill-MASS tipproponi wieħed jew żewġ kelliema mill-assoċjazzjoni tagħna għal din il-konferenza prestiġjuża ta' tlett ijiem li se ssir fl-2026.

**8. Laqgħa mal-Ministru tal-Artijiet dwar il-Proġett MIDI**
Din il-laqgħa se ssir fid-9 ta' Ottubru 2025.

**9. Laqgħat u Konferenzi li ġejjin**
Skont il-lista mehmuża.

**10. Affarijiet Oħra**
Fondi SIS – John Cachia aġġorna lill-Kumitat dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa biex wieħed ikun eliġibbli għal dawn il-fondi. Huwa possibbli li jiġu applikati fondi għal oġġetti promozzjonali, sakemm dawn ikunu marbuta ma' proġett li l-assoċjazzjoni tkun se twettaq. John Cachia se jerġa' jiċċirkola l-abbozz tal-proġett li pprepara lill-membri kollha tal-Kumitat.

Sħubija MASS – Joseph Mangion issuġġerixxa li membri li jinnominaw membru ġdid ieħor għal perijodu ta' ħames snin jingħataw sena sħubija MASS b'xejn. Il-membri kollha tal-Kumitat preżenti qablu ma' din il-proposta.
Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 pm.

*Anthony Farrugia*
President

*Mary Farrugia*
Segretarju Ġenerali

**Fid-9 ta' Ottubru 2025**, filgħodu, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, kellha laqgħa mal-Ministru għall-Artijiet, Dr Owen Bonnici, fl-uffiċċju tiegħu f'Palazzo Lucia, il-Belt Valletta. Din il-laqgħa saret biex niddiskutu l-kwistjoni tal-proġett ta' Manoel Island mill-kumpanija MIDI.

Fil-bidu tal-laqgħa, il-President tal-MASS, Anthony Farrugia, irringrazzja lill-Ministru għall-ħin li tah u spjegalu li fil-ġimgħat ta' qabel, dwar l-istess suġġett, il-Kumitat kien diġà ltaqa' kemm mal-Prim Ministru kif ukoll mal-Ministru responsabbli mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa għarraf lill-Ministru li l-maġġoranza ta' dawk li investew fil-kumpanija MIDI, kemm azzjonisti kif ukoll *bondholders*, huma pensjonanti. Spjega li hemm madwar 5,000 *bondholder* u aktar minn 800 azzjonist f'din il-kumpanija, u li dawn jirrappreżentaw eluf ta' familji. Huwa semma wkoll li l-kumpanija għandha madwar 35% *free float* u li l-prezz tal-IPO kien ta' 0.45ċ. Ġie nnutat ukoll li l-Kumitat iltaqa' mal-kumpanija MIDI tliet darbiet biex jitkellmu fuq dan is-suġġett.





Jiena, Tarcisio Barbara, spjegajt lill-Ministru li huwa importanti ħafna għal dawn l-investituri li jsir qligħ ġust: dawk li investew fil-bonds jieħdu flushom lura, u dawk li investew fl-ishma tal-anqas jieħdu l-45 ċenteżmu li kienu ħallsu fil-bidu. Esprimejna wkoll ix-xewqa tagħna li la l-Gvern u lanqas il-kumpanija MIDI ma jispiċċaw il-qorti, għax jekk jiġri hekk, ikun aktar diffiċli biex l-investituri jieħdu flushom lura. Wara, Mark Demarco tkellem fid-dettal dwar il-proġett ta' Manoel Island.

Matul il-laqgħa ġbidna wkoll l-attenzjoni tal-Ministru fuq il-problema li nqalgħet mal-kumpanija Malita. Il-Ministru wieġeb li din il-kwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħu u għaldaqstant għandna nikkuntattjaw lill-Ministru Roderick Galdes.

Barra minn hekk, ġbidna l-attenzjoni tal-Ministru wkoll dwar il-kumpanija Mediterranean Maritime Hub, li bħalissa qed tuża x-*Shipbuilding* tal-Marsa. Spjegajna li anke f'dan il-każ, dawk li xtraw il-bonds huma mħassba bis-sitwazzjoni ta' din il-kumpanija.

Fl-aħħar nett, irringrazzjajna lill-Ministru talli sama' u ta widen għall-preokkupazzjonijiet tagħna f'isem l-investituri kollha.

**Fl-14 ta' Ottubru 2025**, filgħaxija, saret il-106 konferenza tal-MASS fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. Is-suġġett ewlieni tal-konferenza kien *Ħarsa ġenerali lejn il-Malta Business Registry* (MBR). Il-kelliema mistiedna mill-MBR kienu Dr Lisa Micallef, *Analyst*, u Dr Martina Filletti, *Analyst*. Qabel ma bdiet il-laqgħa formali, kif isir dejjem, il-President – fl-assenza tiegħi – ta l-avviżi lill-membri preżenti. Dawn kienu jinkludu sommarju






tal-laqgħat u l-impenji li saru matul l-aħħar xahar, kif ukoll informazzjoni dwar il-laqgħat ippjanati għall-jiem u l-ġimgħat li ġejjin. Sussegwentement ġew diskussi diversi kwistjonijiet u suġġetti ta' attwalità, fosthom is-sitwazzjoni sa dak iż-żmien tal-kumpanija MIDI u l-kumpanija Malita, fost oħrajn.

Il-kelliema mbagħad spjegaw ir-rwol tagħhom fi ħdan l-MBR u tkellmu fid-dettall dwar il-funzjonijiet tal-MBR, l-istruttura tiegħu u d-dipartimenti li jiffurmawh. Bħal dejjem, tqajmu diversi mistoqsijiet mill-parteċipanti, u l-laqgħa kienet waħda interessanti ħafna, b'attendenza tajba.

**Fit-22 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar, 6 membri mill-kumitat tal-MASS attendew għal laqgħa mal-kumpanija Computime fl-uffiċini tagħhom f'Birkirkara. Min-naħa tal-kumpanija kien hemm diversi Diretturi kif ukoll l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO). Din il-laqgħa saret fuq talba tal-MASS, bil-għan li l-assoċjazzjoni tiffamiljarizza ruħha ma' din il-kumpanija, li hija relattivament ġdida fis-suq lokali. Il-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, fetaħ il-laqgħa b'introduzzjoni li fiha spjega fil-qosor x'inhu r-rwol u l-missjoni tal-MASS. Matul din l-introduzzjoni saret ukoll diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq lokali.

Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Alistair Mangion, spjega li l-kumpanija ilha mwaqqfa għal madwar 45 sena. Huwa qal li l-kumpanija għandha 62 miljun sehem, bi 80 azzjonist, li minnhom 40 huma impjegati tal-kumpanija. Madanakollu, meta jitqiesu wkoll in-*nominees*, in-numru totali ta' azzjonisti jlaħħaq madwar 200. Il-*free float* jammonta għal 15%.



Is-Sur Anthony Farrugia staqsa dwar il-politika tal-kumpanija fir-rigward tal-bonus lis-*senior management* u lill-eżekuttivi. Fir-risposta, intqal li Computime diġà għandha fis-seħħ skema ta' *performance bonus* għall-eżekuttivi, skont ftehim stabbilit. Dwar mistoqsija oħra tal-MASS, peress li l-prezz tal-ishma fl-IPO kien skontat għall-impjegati, ġie spjegat li l-ebda impjegat ma biegħ l-ishma tiegħu wara l-IPO.

Min-naħa tagħna, stedinna lill-kumpanija biex toħroġ aġġornamenti regolari dwar l-andament tagħha u biex tistedinna nipparteċipaw fl-i*stockbrokers' meetings*, sabiex inkunu nistgħu nsegwu aħjar l-iżviluppi tal-kumpanija. Issuġġerejna wkoll li l-laqgħat ġenerali annwali tal-kumpanija jsiru bil-Malti. Fl-aħħar nett, stedinna lill-kumpanija tippreżenta profil u ħarsa ġenerali tal-operat tagħha fil-konferenzi li l-MASS torganizza kull xahar.

**Fl-24 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar, xi membri mill-kumitat tal-MASS attendew id-9 Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija PG Plc, li saret fil-Lukanda Westin, San Ġiljan. Iċ-Ċermen il-ġdid tal-kumpanija, is-Sur William Spiteri Bailey, għamel introduzzjoni fejn beda billi rringrazzja liċ-Ċermen preċedenti. Huwa qal li s-sena li għaddiet il-kumpanija rreġistrat *turnover* ta' €202 miljun, żjieda ta' 2% meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Il-profitt żdied minn €12.4-il miljun għal €13.5-il miljun. Intqal ukoll li l-kumpanija kompliet iżżomm il-prezzijiet baxxi.






Ingħata dividend ta' €7.25 miljun, li jirrappreżenta 58.5% tal-profitt nett. Huwa ta diversi dettalji u spjegazzjonijiet dwar il-proġetti li bħalissa għaddejjin, u qal ukoll li din is-sena diġà kien hemm żjieda ta' 8% fil-bejgħ.

Imbagħad bdiet il-laqgħa formali skont l-aġenda mħejjija. L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Malcolm Camilleri, tkellem fuq 6 punti permezz ta' preżentazzjoni: 1. il-valuri tal-grupp; 2. l-operat; 3. l-istrateġija; 4. l-isfidi; 5. l-andament finanzjarju; u 6. ħarsa lejn il-futur. Huwa daħal fid-dettall fuq kull suġġett.

Rigward il-fluss (*footfall*) ta' klijenti fil-ħwienet tal-kumpanija, intqal li qed jaħdmu biex jattiraw aktar klijenti billi jżidu prodotti ta' kwalità bi prezzijiet kompetittivi. Huwa spjega li l-kumpanija għandha madwar 475 impjegat, li minnhom 45% huma barranin. Intqal ukoll li qed isiru diversi offerti biex jiżdiedu kemm il-klijenti kif ukoll il-bejgħ. Ġiet żviluppata applikazzjoni fuq il-mobajl biex tagħmilha aktar faċli għall-klijenti, u ntwera filmat dwar din l-*app* tal-PAVI/PAMA.

Fl-aħħar, huwa tkellem dwar diversi proġetti li għaddejjin, bil-għan li l-kumpanija tkompli tikber, fosthom: biċċa art fil-Mosta, madwar 500 metru 'l bogħod mill-PAMA; żvilupp ġdid f'San Ġiljan b'60 ħanut; kif ukoll l-estensjoni tal-PAVI.

Wara reġa' tkellem iċ-Ċermen, li stieden lill-Awdituri biex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-kontijiet. Matul il-ħin tal-mistoqsijiet, semmejna li kemm l-azzjonisti kif ukoll il-pubbliku inġenerali jixtiequ jkunu jafu x'rendiment se jagħtu dawn il-proġetti kbar, u li l-kumpanija tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-proġetti li jkunu għaddejjin. Dan jista' jgħin ukoll biex jiżdied il-prezz tal-ishma fis-suq lokali, li bħalissa, kif jaf kulħadd, mhuwiex f'sitwazzjoni tajba. Saru wkoll mistoqsijiet dwar *bonus schemes* u benefiċċji oħra. Fl-aħħar nett, għaddew it-tliet riżoluzzjonijiet u saret il-ħatra tad-diretturi

**Fis-27 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar, wħud mill-membri mill-Kumitat tal-MASS ħadu sehem onlajn f'laqgħa organizzata mill-Bank APS dwar l-andament u r-riżultati finanzjarji għat-3 kwart tas-sena 2025. Is-Sinjura Aida Cassola fetħet il-laqgħa b'introduzzjoni, fejn qalet li din kienet il-5 laqgħa li saret matul din is-sena.




L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Marcel Cassar, qal li dan kien l-aqwa rapport li ppreżenta l-bank sa issa din is-sena u li kienu qed jantiċipaw riżultati pożittivi sal-aħħar tas-sena. Dan attribwieh għaż-żjieda fl-attività u x-xogħol tal-bank. Spjega wkoll li f'dawk il-jiem kienet se tinfetaħ *rights issue* ta' €45 miljun, kemm għall-azzjonisti eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda.

L-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Ronald Mizzi, ippreżenta r-riżultati finanzjarji ta' 9 xhur, li skont hu kienu pożittivi ħafna. Is-self kompla jiżdied, kif ukoll id-depożiti, li issa qabżu l-€4 biljun.

Lejn tmiem il-laqgħa, is-Segretarja tal-bord, Dr Graziella Bray, tat spjegazzjoni dettaljata dwar ir-*rights issue*, li kienet se tkun fuq bażi ta' 3 ishma għal kull 11 li wieħed diġà kellu, bi prezz stabbilit ta' 44 ċenteżmu għal kull sehem. Hija spjegat ukoll li kien hemm 4 tipi differenti ta' applikazzjonijiet, flimkien mad-dati tal-ftuħ u tal-għeluq.



Fl-aħħar nett, saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet, fejn 5 mistoqsijiet kienu ntbagħtu minn qabel u 5 oħra saru waqt il-programm. Il-mistoqsija tagħna kienet dwar ir-raġuni għad-differenza sostanzjali fl-ispejjeż tat-taxxa. Fit-tweġiba ntqal li dan seħħ minħabba spejjeż sinifikanti relatati mal-proċess ta' xiri tal-bank HSBC, li ma rnexxiex, u għaldaqstant kien hemm taxxa li ma setgħetx tiġi rkuprata. Intqal ukoll li l-*free float* bħalissa huwa 32% u wara r-*rights issue*, kien mistenni jitla' għal madwar 46% jew 47%. Ġie kkonfermat ukoll li bħalissa l-bank għandu bejn wieħed u ieħor 3,400 azzjonist.

**Fit-28 ta' Ottubru 2025,** filgħodu, wħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS ipparteċipaw f'laqgħa ta' informazzjoni onlajn imħejjija mill-Kumpanija MedservRegis. Iċ-Ċermen tal-kumpanija, is-Sur David O'Connor, għamel introduzzjoni.




Sussegwentement, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Oliver Bernard, għamel preżentazzjoni dwar l-andament tal-kumpanija. Huwa spjega fid-dettall il-ħruġ ta' żewġ bonds, wieħed denominat fl-Ewro u l-ieħor fid-Dollaru Amerikan. Rigward ir-riżultati previsti għall-2025, kien indikat li d-dħul mistenni jkun ta' €84 miljun, l-EBITDA ta' €20 miljun, filwaqt li l-qligħ nett huwa mbassar li jilħaq €5 miljun.

Is-Sur Bernard tkellem ukoll dwar ix-xogħlijiet li bħalissa għaddejjin f'Malta u f'diversi pajjiżi oħra, fosthom il-Libja u s-Surinam. Huwa kompla jispjega l-previżjonijiet għas-sena 2026, li mistennija tkun sena tajba, kif ukoll għas-snin ta' wara. Ingħatat lista estensiva ta' proġetti li l-kumpanija se tkun qed twettaq f'diversi pajjiżi. L-għan ewlieni tal-kumpanija huwa li tkompli tnaqqas id-dejn, li minn €52.5 miljun fl-2024 huwa mistenni jinżel għal €35.6 miljun is-sena d-dieħla.












Is-Sur Karl Bartolo, li huwa wkoll Co-CEO tal-kumpanija, għamel intervent qasir fejn spjega r-raġunijiet għaliex qed jinħarġu dawn iż-żewġ bonds. Dawn jinkludu t-tkomplija tal-ħlas tad-dividendi, it-tnaqqis tad-dejn, kif ukoll iż-żamma tas-sostenibbiltà u t-tkabbir tal-kumpanija.

Is-Sur O'Connor għamel il-kummenti tal-għeluq. Matul is-sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet, tqajmu mistoqsijiet dwar ix-xogħol fil-Możambik u fil-Lvant Nofsani. Mistoqsijiet oħra saru minn azzjonisti li ħafna minnhom ilhom investituri sa mill-IPO tal-2006, u li talbu aktar informazzjoni dwar il-proġetti u d-dħul li dawn mistennija jiġġeneraw fis-snin li ġejjin, għall-benefiċċju tal-azzjonisti.

F'isem il-MASS, irringrazzjajna lill-preżentaturi u staqsejna jekk ikunx possibbli li tingħatalna kopja tal-preżentazzjoni sabiex tintbagħat lill-membri tagħna. Għal din il-laqgħa kien hemm madwar 38 parteċipant.

**Fit-28 ta' Ottubru 2025,** filgħaxija, 3 membri mill-kumitat tal-MASS attendew konferenza organizzata minn Calamatta Cuschieri Stockbrokers, fl-uffiċċji tagħhom f'Birkirkara. Is-Sur Jan Farrugia, Chief Technical Officer, fetaħ is-serata billi spjega l-aġenda tal-lejla. Wara dan, is-Sur Jordan Portelli, Chief Investment Officer, ta preżentazzjoni dwar l-andament tas-swieq matul dik is-sena, li kienet pjuttost volatili.

moneybase







Huwa spjega fid-dettall l-avvenimenti ewlenin li seħħew matul ix-xhur preċedenti, u ppreżenta diversi indiċi u ċifri rilevanti, b'enfasi partikolari fuq is-suq Amerikan. Wara l-preżentazzjonijiet, saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet għal dawk preżenti. Fl-aħħar nett, is-Sur Jan Farrugia ta spjegazzjoni dwar kif taħdem il-pjattaforma Moneybase, kif ukoll il-benefiċċji ewlenin li toffri.

**Fid-29 ta' Ottubru 2025,** filgħodu, wħud mill-membri tal-Kumitat kif ukoll numru sabiħ ta' membri tal-MASS, attendew għall-avveniment annwali li jiġi organizzat mill-Malta International Airport. Din l-okkażjoni saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-belt Valletta, u għaliha kienu mistiedna l-azzjonisti tal-MIA. Kif dħalna u rreġistrajna, ittieħdilna ritratt ħdejn il-George Cross flimkien ma' żewġ suldati. Wara, min ried seta' jieħu *drink* jew kafè, u sussegwentement kulħadd ħa postu fuq l-imwejjed imħejjija.




L-avveniment fetaħ b'introduzzjoni mill-Malta Airport Foundation, fejn is-suġġett prinċipali kien ir-restawr tal-Qanpiena ta' fuq is-sur biswit il-Barrakka ta' Isfel. Dwar dan tkellmu s-Sur Ray Bondin, li qabel kien inkarigat mir-restawr, il-periti Rachel Paris u Kevin Abela minn Heritage Malta, kif ukoll il-kampanologu s-Sur Kenneth Cauchi.




Is-Sur Bondin ta tagħrif dwar l-istorja tal-monument, kif beda u kif inbena, u li kien inawgurat fl-1992. Wara, il-periti spjegaw ix-xogħol ta' tiswija u restawr li sar fuq il-monument tal-Qanpiena, permezz ta' preżentazzjoni viżiva. Dan ix-xogħol sar bl-appoġġ u l-għajnuna tal- Malta Airport Foundation.



Is-Sur Kenneth Cauchi ta spjegazzjoni dettaljata dwar il-Qanpiena famuża, li tiżen 15-il tunnellata u li ħħadmet mill-kumpanija Taylor. It-taħdita ntemmet b'rikording tal-ħoss tal-Qanpiena.




Wara, suldati mill-Forzi Armati ta' Malta telgħu fuq il-podju u daqqew kanzunetti ta' żmien il-gwerra, akkumpanjati mill-kant ta' Audrey Fenech. Sussegwentement bdiet l-ikla għall-mistiedna u l-azzjonisti.

Aktar tard, saru taħditiet dwar il-vapuri mgħerrqa, b'enfasi fuq id-*destroyer Maori*. Is-Sur Keith Gatt, kuratur tal-Mużew tal-Gwerra, għamel preżentazzjoni fejn ta tagħrif storiku u deskrizzjoni ta' dan il-vapur, li kien tgħerreq ftit 'il barra mill-Belt Valletta fl-1942 matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Aktar tard, il-*Maori* ġie mċaqlaq u mgħerreq mill-ġdid qrib il-Forti ta' Sant'Iermu. L-avveniment intemm b'filmat impressjonanti taħt il-baħar li juri l-fdalijiet tal-*Maori*.

Bħal dejjem, dan l-avveniment kien suċċess kbir, grazzi lill-Bord, Maniġment u ħaddiema tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

**Fil-31 ta' Ottubru 2025**, wara nofsinhar, żewġ membri tal-Kumitat tal-MASS attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija San Tumas Shareholding, li saret fil-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Iċ-Ċermen tal-laqgħa, is-Sur Anthony P. Demajo, għamel introduzzjoni qasira, fejn qal li din kienet it-62 laqgħa ġenerali annwali tal-kumpanija. Sussegwentement, is-Segretarju, is-Sur Michael Formosa Gauci, qara l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena ta' qabel.



Wara, iċ- Ċermen tkellem dwar il-*buy-back* tal-ishma li kien ġie suġġerit is-sena l-oħra. Huwa spjega li l-bord bħalissa ma jaqbilx ma' din il-proposta, iżda qed jissuġġerixxi li l-kumpanija tidħol f'aktar investimenti. Barra minn hekk, il-bord għandu l-intenzjoni li jfassal *dividend policy* sabiex fil-futur jibda jingħata dividend.

Ir-rapport tad-diretturi ttieħed bħala moqri, u wara rappreżentant tal-awdituri ta sommarju qasir tar-rapport tal-awdituri. Sussegwentement saret il-ħatra tad-diretturi u tal-awdituri.

Fl-aħħar nett saret sessjoni ta' mistoqsijiet u osservazzjonijiet, fosthom mill-MASS. Aħna spjegajna li hemm azzjonisti li ilhom numru ta' snin investiti f'din il-kumpanija mingħajr ma qatt irċevew dividend. Ġie mfakkar li s-sena l-oħra kienet waħda mill-aħjar snin f'dak li għandu x'jaqsam mad-dividendi, madankollu, minkejja dan, aħna bqajna ma ħadna xejn. Sħaqna li ma jistax ikun li din is-sitwazzjoni tkompli, speċjalment meta hu magħruf li l-kumpanija daħħlet ammonti sostanzjali ta' dividendi.

Għalhekk issuġġerejna li jingħata dividend interim sabiex, b'dan il-mod, jitjieb ukoll il-prezz tal-ishma fis-suq. Fir-risposta tiegħu, is-Sur Demajo qal li qed jiġu studjati l-possibbiltajiet sabiex fil-futur jibda jingħata dividend regolari. Huwa ta wkoll sommarju qasir dwar l-andament tal-kumpanija, fejn spjega li l-kumpanija se tkompli tinvesti. Fir-rigward tal-proprjetà, huwa qal li l-kumpanija rebħet il-kawża dwar il-proprjetà f'Wied il-Għajn, filwaqt li l-kwistjoni dwar il-proprjetà f'Paceville għadha għaddejja.

**Fl-4 ta' Novembru 2025**, filgħaxija, wieħed mill-membri tal-Kumitat tal-MASS attenda għas-seminar tal-Bank BOV, magħruf bħala *Shareholders' Day*, li sar fix-Xara Lodge ġewwa r-Rabat. Għal dan is-seminar attendew numru sabiħ ta' nies u kien ta' interess kbir. Kien hemm diversi kelliema li ppreżentaw suġġetti differenti permezz ta' preżentazzjonijiet informattivi. Barra minn hekk, tlaqqa' *panel* ta' diskussjoni b'diversi kelliema, u fl-aħħar tas-sessjoni ngħata spazju għal numru ta' mistoqsijiet minn dawk preżenti.



**Fil-11 ta' Novembru 2025**, filgħaxija, saret il-107 konferenza tal-MASS fil-Borża ta' Malta, fil-Belt Valletta. Is-suġġett tal-konferenza kien *Is-Superviżjoni tal-Banek*, u l-kelliem kien is-Sur Keith Spiteri, *Senior Manager* fil-




*Banking Supervision* tal-MFSA. Qabel ma bdiet il-laqgħa, il-parteċipanti ġew imħeġġa jimlew stħarriġ (*survey*) għal studenta universitarja li kienet qed taħdem fuq it-teżi tagħha.



Is-Sur Spiteri spjega li l-banek jiġġeneraw id-dħul tagħhom prinċipalment mis-self u mit-tariffi. Wara li jitnaqqsu l-imgħaxijiet fuq id-depożiti, iridu jitħallsu wkoll l-ispejjeż operattivi. Huwa semma diversi kriżijiet li seħħew mill-imgħoddi sal-lum u ġie nnutat li f'Malta hawn 17-il bank.

Aktar 'il quddiem, huwa tkellem dwar ir-riskji maġġuri li jiġu mmonitorjati mis-superviżuri, u ppreżenta lista dettaljata ta' dawn ir-riskji. Is-superviżjoni tinkludi l-analiżi tal-*business model* tal-bank, il-governanza tiegħu, kif ukoll ħarsa lejn ix-xogħol li twettaq l-MFSA. Ġiet enfasizzata wkoll l-importanza tas-*cyber security* minħabba l-perikli dejjem jikbru f'dan il-qasam, u għal darb'oħra ssemmiet lista ta' riskji relatati. Is-Sur Spiteri spjega wkoll ir-riskji emerġenti li qed jidhru bħalissa fis-settur finanzjarju. Bħala MFSA, huma jorganizzaw konferenzi informattivi bħal din sabiex iżidu l-għarfien u t-trasparenza. Bħas-soltu, il-laqgħa ntemmet b'sessjoni ta' mistoqsijiet, li wriet l-interess qawwi tal-parteċipanti fis-suġġett diskuss.

**Fit-12 ta' Novembru 2025**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [8 membri tal-Kumitat kienu preżenti u wieħed skużat].



Il-laqgħa bdiet fl-4.15 pm skont l-aġenda li ġejja:

1. Qari tal-Minuti tal-Laqgħa preċedenti
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Riżultati ta' Laqgħat li saru
5. Laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni u Dr A. Delia
6. Aġġornament dwar l-i*Sponsors*
7. Ikla Annwali
8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss
9. Affarijiet oħra

**1. Qari tal-Minuti**

Is-Segretarja Ġenerali qrat il-minuti tal-aħħar Laqgħa tal-Kumitat tal-MASS. Saru żewġ korrezzjonijiet li ġew emendati. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**2. Riżultati mill-Minuti**

Fondi CSF – Il-MASS issottomettiet id-dokumenti kollha meħtieġa għar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-konferenza *Better Finance* li saret f'Ġunju 2025. L-Organizzazzjoni Volontarja mistennija tibgħat rimbors ta' 85% tal-ispejjeż li saru, sakemm ma jinqabiżx il-limitu massimu, f'Diċembru 2025.

MASS *Tours* – Iż-żjarat fil-BOV u f'MIDI Plc se jsiru kmieni s-sena d-dieħla. Għad ma ġewx stabbiliti d-dati.

Il-Websajt tal-MASS – Tarcisio Barbara se jitkellem mas-Sur Simon Zammit tal-MSE dwar il-*caption* tal-MASS li għandu jiġi nkluż fil-websajt tal-Borża. Ġie miftiehem li ssir laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat, possibbilment fil-Borża, biex jiġu diskussi titjibiet fil-websajt tal-MASS. Din il-laqgħa hija skedata għas-27 ta' Novembru 2025.

Laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi – Għad ma ġietx stabbilita data għal din il-laqgħa. Il-MASS trid tidentifika s-suġġetti l-aktar urġenti dwar is-suq lokali tal-investimenti biex jitressqu għall-attenzjoni tal-Ministru matul din il-laqgħa.

Laqgħa ma' Malita – Għadha ma waslet l-ebda risposta għat-talba tagħna għal laqgħa. Tarcisio Barbara se jikkuntattja lill-Bord tal-Kumpanija.

Assigurazzjoni għall-Membri tal-Kumitat – John Cachia ikkuntattja lil Mapfre u talab kwotazzjonijiet għal assigurazzjoni biex tkopri lill-membri tal-Kumitat. Mark Demarco rrimarka li l-ewwel irridu nidentifikaw liema riskji nistgħu niffaċċjaw u għal liema minnhom għandna nkunu assigurati.

Konferenza GRC & ESG 2026 – Mark Demarco u John Cachia qablu li jirrappreżentaw lil MASS bħala kelliema f'din il-konferenza organizzata mill-MSE. It-titlu u s-suġġett tal-konferenza għadhom ma nħarġux mill-MSE.

Fondi SIS – John Cachia spjega li biex inkunu eliġibbli għal dawn il-fondi rridu nippreżentaw proġett li jinkludi proġezzjonijiet u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni. Dan il-proġett jista' jikkonsisti f'konferenza pubblika flimkien ma' numru ta' *workshops* u avveniment finali b'riċeviment li għalih jiġi mistieden il-Ministru. Naturalment il-MASS trid taderixxi mal-kundizzjonijiet kollha mposti mill-VO. Olena Borg ssuġġeriet li proġett ieħor possibbli jista' jkun li tiġi organizzata l-assemblea annwali ta' *Better Finance* f'Malta fl-2027. Kevin Mizzi se jikkuntattja lil BF biex jistaqsi jekk jikkunsidrawx din il-possibbiltà.

**3. Korrispondenza**
Il-korrispondenza riċevuta u mibgħuta diġà ġiet iċċirkolata lill-membri tal-Kumitat.

**4. Riżultati ta' Laqgħat li saru**
Skont il-lista iċċirkolata.

**5. Laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr A. Borg u Dr A. Delia**
Laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr A. Borg u Dr A. Delia se ssir fit-3 ta' Diċembru 2025 f'nofsinhar fil-Corinthia Palace, Ħ'Attard. Il-midja mhix se tkun preżenti.

**6. Aġġornament dwar l-i*Sponsors***
Tarcisio Barbara ta aġġornament dwar l-i*sponsors* li ġew riċevuti u dawk li ġew imwiegħda. Mark Demarco ikkummenta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-MASS.

**7. Ikla Annwali**

Il-MASS se torganizza l-ikla annwali fil-11 ta' Jannar 2026 f'post tal-Corinthia li għad irid jiġi deċiż. Il-President Onorarju, Alfred Portelli, se jkun ukoll mistieden.

**8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss**
Skont il-lista iċċirkolata.

**9. Affarijiet oħra**
Saret diskussjoni qasira dwar numru ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi bħala tħejjija għal-laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 pm.

*Anthony Farrugia*
President

*Mary Farrugia*
Segretarju Ġenerali

**Fit-13 ta' Novembru 2025**, wara nofsinhar, numru sabiħ ta' membri mill-Kumitat tal-MASS attendew seminar organizzat minn Camilleri Preziosi taħt it-titlu *Corporate Finance Conference 2025*. Is-seminar sar fil-Lukanda Westin, f'San Ġiljan. Fil-bidu, Dr Andrea Vella minn Camilleri Preziosi għamel id-diskors ta' merħba, fejn spjega l-istruttura u kif kienet se titqassam il-laqgħa. Wara, Dr Louis De Gabriele, ukoll minn Camilleri Preziosi, għamel id-diskors tiegħu bit-tema *Evolve or Be Left Behind – Adapting Corporate Finance to a Changing Context.*

Sussegwentement, Dr Gordon Cordina mill-Bank of Valletta (BOV) ta preżentazzjoni dwar l-ekonomija u l-finanzi korporattivi. Huwa ppreżenta diversi figuri finanzjarji relatati mas-sitwazzjoni attwali f'Malta, u fl-aħħar saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Wara dan, ittella' *panel* ta' 5 kelliema mmexxi minn Dr Andrea Vella. Il-kelliema kienu s-Sur Nicky Camilleri minn Salvo Grima Group, is-Sa Sarah Curmi minn Deloitte Malta, is-Sur Simon Grech mill-Bank of Valletta, u s-Sur Mikhail Buhagiar minn Camilleri Preziosi. Is-suġġett tal-*panel* kien *Banks – A Universal Solution for Corporate*








*Finance?,* u wkoll hawnhekk kien hemm diskussjoni u mistoqsijiet mill-udjenza.

Wara waqfa għall-kafè, bdiet it-tieni sessjoni bit-tema *Beyond Banks – Alternative Avenues for Corporate Finance*. Dan il-*panel* tmexxa minn Dr Malcolm Falzon minn Camilleri Preziosi, u fih ħadu sehem is-Sa Helen Charley, Property & Angel Investor on Sky TV, Dr Nicola Buhagiar minn Camilleri Preziosi, is-Sur Edward Rizzo minn Rizzo Farrugia & Co Stockbrokers, u s-Sur Herald Bonnici minn Pevca Malta. Matul din is-sessjoni żvolġiet diskussjoni interessanti dwar alternattivi għall-finanzjament bankarju.




L-aħħar sessjoni kienet *panel* bit-tema *Financing Strategy in M&A – Risks, Leverage and Opportunities*. Il-moderatur kien Dr Donald Vella minn Camilleri Preziosi, u l-kelliema kienu s-Sur Eric Mackay minn PricewaterhouseCoopers Malta, is-Sa Lorraine Vella mill-MFSA, is-Sa Kirsten Debono Huskinson minn Camilleri Preziosi, is-Sa Lisa Abela minn Camilleri Preziosi, u s-Sur David Pace minn KPMG.

Fi tmiem is-seminar, Dr Andrea Vella għamel ir-rimarki tal-għeluq, u wara saret bibita għall-parteċipanti.

**Fit-13 ta' Novembru 2025**, filgħaxija, wħud mill-membri tal-kumitat tal-MASS, kienu mistiedna mill-Borża ta' Malta (MSE) għall-*Awards Dinner*, okkazjoni li tkun organizzata kull sena. Din saret fil-Ballroom tal-Lukanda Phoenicia, fil-Furjana. Din is-serata tittella' biex tirrikonoxxi kisbiet eċċellenti, tmexxija u dedikazzjoni fi ħdan il-komunità finanzjarja u tan-negozju ta' Malta. L-avveniment laqqa' flimkien l-imsieħba ewlenin, fosthom kumpaniji elenkati, investituri, rappreżentanti regolatorji, u professjonisti tas-suq, f'lejla ta' ċelebrazzjoni u *networking*.














Fil-bidu, is-Sa Stephanie Galea għamlet introduzzjoni għas-serata, filwaqt li s-Sur Joseph Portelli, Ċermen tal-Borża ta' Malta, għamel id-diskors tiegħu għal din l-okkażjoni. Il-*Lifetime Achievement Award 2025* kien introdott mis-Sur Simon Zammit, Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Borża ta' Malta. Dan il-premju ngħata lill-Perit Richard England għas-sehem fit-tul u l-impatt dejjiemi tiegħu fix-xogħol marbut mas-settur finanzjarju ta' Malta.

Il-*Company of the Year Award 2025* kien introdott mis-Sur Joseph Portelli, Ċermen Eżekuttiv tal-Borża ta' Malta u ngħata lis-Sur Angelo Xuereb ta' AX Group p.l.c., bħala rikonoxximent tal-prestazzjoni notevoli tal-Kumpanija, l-istandards ta' governanza korporattiva u r-relazzjoni b'saħħitha mal-investituri tul l-istorja tagħha ta' 50 sena. Meqjusa bħala simbolu ta' ħolqien ta' valur fit-tul u trasparenza, dan ir-rikonoxximent immarka wkoll l-anniversarju importanti tal-Grupp AX. Il-kummenti tal-President u Fundatur, Angelo Xuereb, enfasizzaw is-sinifikat ta' dan il-premju bħala riflessjoni tal-impenn tal-Grupp lejn tkabbir responsabbli tan-negozju u l-fiduċja tal-investituri.

Fl-aħħar ġie ppreżentat it-trofew *Employee of the Year Award 2025* li kien introdott mis-Sur Alfred Sammut, *Chief Human Resources and Corporate Services Officer* fil-Borża ta' Malta. Dan ingħata lis-Sa Elaine Paris, bħala rikonoxximent tas-servizz eżemplari, professjonalità, u d-dedikazzjoni tagħha lejn il-Borża. Ix-xogħol tagħha spikka fost il-kollegi, u enfasizza l-kontribut pożittiv tagħha fil-komunità tal-MSE.

L-*Awards Dinner* tibqa' waħda mill-aktar okkażjonijiet mistennija fil-kalendarju finanzjarju ta' Malta, billi tlaqqa' taħt saqaf wieħed l-aqwa talenti tas-suq u l-aktar organizzazzjonijiet ta' suċċess biex jiċċelebraw il-kisbiet u jispiraw progress kontinwu fis-swieq tal-kapital.

**Fis-17 ta' Novembru 2025**, filgħodu, żewġ membri mill-Kumitat tal-MASS attendew *tour* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li kien organizzat mill-istess kumpanija. Wara li l-parteċipanti waslu f'sala mħejjija











apposta, is-Sa Michaela Catania għamlet introduzzjoni qasira. Sussegwentement, is-Sa Jeanette Zammit mid-dipartiment tal-*Customer Experience*, għamlet preżentazzjoni dwar l-andament tal-Ajruport ta' Malta. Hija tkellmet dwar l-esperjenza tal-passiġġieri, ir-riżultati tat-traffiku tal-ajru inklużi ċifri rilevanti, il-programm ta' investiment u l-proġetti li għaddejjin, kif ukoll dwar ix-xogħol li qed twettaq u li wettqet il-*Malta Airport Foundation*. Il-preżentazzjoni ntemmet b'rimarki ta' konklużjoni u l-aspettattivi għall-futur.

Wara, ġiet offruta bibita, u mbagħad beda t-*tour* ġewwa l-ajruport, kif kien organizzat ukoll fix-xhur ta' qabel mill-MASS. Għal din iż-żjara attendew madwar 80 persuna.

**Fis-17 ta' Novembru 2025**, filgħaxija, membri mill-Kumitat tal-MASS ġew mistiedna mill-kumpanija VBL għal laqgħa ta' informazzjoni flimkien mal-i*stockbrokers*. Din il-laqgħa saret fl-istabbiliment "The Gut", fi Strada Stretta, il-Belt Valletta.

Dr Andrei Imbroll, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, fetaħ il-laqgħa b'introduzzjoni li kienet tinkludi preżentazzjoni dwar l-andament tal-kumpanija. Huwa tkellem dwar diversi proġetti, fosthom Silver Horse, li mistenni tkun il-*game changer* tal-kumpanija għall-2026. Din se tkun l-ikbar lukanda fil-Belt Valletta f'termini ta' numru ta' kmamar, u hi ppjanata li titlesta fit-12-il xahar li ġejjin. Intqal ukoll li d-dividendi bdew jiżdiedu u li mistenni jkomplu



jiżdiedu fil-futur. Dr Imbroll spjega li l-kumpanija se tkompli tinvesti fil-Belt Valletta, u li fl-ewwel 6 xhur tal-2025 in-negozju kiber b'mod sostanzjali. Proġett ieħor li diġà tlesta huwa Victoria Terrace. Il-proġett Silver Horse se jkun immexxi mill-kumpanija internazzjonali Ruby. Barra minn hekk, hemm diversi proġetti oħra għaddejjin, fosthom Golden Lion, Coliseum, u oħrajn.

Fl-aħħar nett, intqal li l-previżjonijiet għall-bqija tas-sena 2025 huma pożittivi. Il-laqgħa ntemmet b'sessjoni ta' mistoqsijiet u osservazzjonijiet mill-parteċipanti.

**Fit-18 ta' Novembru 2025**, filgħodu, membri mill-kumitat tal-MASS konna mistiedna għal seminar ta' ġurnata mill-MFSA. Din il-konferenza pubblika ta' livell għoli saret fir–Ramla Bay Resort, il-Mellieħa. Il-konferenza













laqqgħet flimkien mal-450 persuna – regolaturi internazzjonali, dawk li jfasslu l-politika, mexxejja tas-swieq finanzjarji, esperti tal-industrija u akkademiċi – għal programm sħiħ ta' ġurnata li kien jinkludi diskorsi ewlenin u diskussjonijiet f'*panels*. L-għan ewlieni tagħha kien li tħeġġeġ djalogu dwar l-aktar sfidi u opportunitajiet urġenti li qed jiffurmaw il-futur tal-finanzi globali, is-swieq kapitali, is-superviżjoni, il-*fintech*, u l-innovazzjoni regolatorja.

Dan l-avveniment serva wkoll bħala introduzzjoni għal-laqgħat tal-*International Organization of Securities Commissions* (IOSCO), b'mod partikolari tal-*Growth & Emerging Markets Committee* u tal-*European Regional Committee*, li kienu skedati li jsiru ftit wara f'Malta.

Il-kelliema u l-*panels* indirizzaw firxa wiesgħa ta' suġġetti strateġiċi u prospettivi għall-futur, fosthom:

Perspettiva Ekonomika u Regolatorja

- Ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ekonomiċi ta' Malta u r-reżiljenza tagħha f'ambjent globali kumpless, ippreżentata mill-Onor. Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi.

- Analiżi tal-opportunitajiet u r-riskji li qed jaffaċċjaw is-swieq emerġenti, ippreżentata minn Mohamed Farid Saleh, President tal-IOSCO *Growth & Emerging Markets Committee*.

Swieq Kapitali u Kooperazzjoni Globali

- *Panels* dwar it-tisħiħ tas-swieq kapitali u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn ġurisdizzjonijiet differenti.

- Diskussjonijiet dwar l-integrazzjoni tas-swieq kapitali u l-koordinazzjoni regolatorja transkonfinali.

*FinTech*, Kripto u Teknoloġija

- Sessjoni ddedikata lill-esperjenza ta' Malta fir-regolamentazzjoni tal-assi kripto, immexxija miċ-*Chief Officer – Supervision* tal-MFSA, Christopher P. Buttigieg.

- Esplorazzjoni tal-impatt potenzjali tal-kompjuter kwantistiku fuq is-sigurtà u s-superviżjoni finanzjarja.

- *Panel* dwar il-bini ta' futur kripto konformi mar-regolamenti u r-regolamentazzjoni f'ekosistema finanzjarja mmexxija mill-intelliġenza artifiċjali, bil-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Ewropa u mill-Emirati Għarab Magħquda.

Pagamenti u Innovazzjoni Diġitali

- Sessjoni ffokata fuq kif il-pagamenti bl-imnut u transkonfinali jistgħu jsiru aktar veloċi u aktar siguri, b'kontribut minn professjonisti anzjani minn Visa, Revolut u awtoritajiet bankarji ċentrali.

Il-konferenza kienet tinkludi lista distinta ta' kelliema lokali u internazzjonali, fosthom:

- L-Onor. Dr Ian Borg – Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu ta' Malta.

- L-Onor. Clyde Caruana – Ministru għall-Finanzi, Malta.

- Rodrigo Buenaventura – Segretarju Ġenerali tal-IOSCO.

- David Wright – President tal-EUROFI.

- Rappreżentanti anzjani mill-MFSA, awtoritajiet superviżorji Ewropej, korpi regolatorji internazzjonali, mexxejja tas-settur privat, u akkademiċi.

It-tema ċentrali tul il-konferenza kienet l-importanza li l-innovazzjoni tiġi akkumpanjata minn regolamentazzjoni soda sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza finanzjarja u l-fiduċja tal-investituri. Il-kelliema reġgħu affermaw l-impenn ta' Malta lejn:

- Kooperazzjoni internazzjonali u koordinazzjoni regolatorja.

- L-iżvilupp ta' ekosistema finanzjarja teknoloġikament avvanzata u regolata b'mod robust.
- Il-ħarsien tal-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru finanzjarju kredibbli u orjentat lejn il-futur, kemm fl-Ewropa kif ukoll fuq livell globali.

Il-ġurnata ntemmet b'riflessjonijiet dwar in-natura dejjem tevolvi tas-swieq finanzjarji globali u r-responsabbiltà kondiviża tar-regolaturi, l-istituzzjonijiet u l-innovaturi biex jimmaniġġjaw bidliet teknoloġiċi rapidi b'mod responsabbli.

**Fil-21 ta' Novembru 2025**, filgħodu, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-BOV Fund SICAV. Din il-laqgħa saret ġewwa 475, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

**Fit-22 ta' Novembru 2025**, wara nofsinhar, saret laqgħa tas-Sottokumitat tal-MASS. Il-laqgħa nżammet fil-kafetterija tal-Busy-Bee, fl-Imrieħel. Din il-laqgħa kienet imsejħa bħala parti mill-preparazzjoni ta' proposti li kienu qed jitħejjew għal laqgħa mal-Ministru għall-Finanzi, is-Sur Clyde Caruana, li kellha ssir fil-jiem ta' wara.

**Fl-24 ta' Novembru 2025**, f'nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, kellha laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi, is-Sur Clyde Caruana, fil-Ministeru tal-Finanzi, fil-Belt Valletta.



Il-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, fetaħ il-laqgħa b'diskors introduttorju fejn, l-ewwel nett, irringrazzja lill-Ministru talli laqa' d-delegazzjoni. Sussegwentement, ta ħarsa ġenerali lejn l-Assoċjazzjoni MASS, u spjega li din hija affiljata mal-Federazzjoni Ewropea Better Finance, li torganizza diversi konferenzi dwar il-litteriżmu finanzjarju, toħroġ *newsletter* regolari kważi kull xahar, u tiddefendi d-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji u tal-investituri żgħar. Is-Sur Farrugia mbagħad tkellem dwar is-sitwazzjoni tas-suq lokali, fejn ippreżenta diversi figuri u statistika. Fl-aħħar tal-intervent tiegħu, qal li l-Assoċjazzjoni kienet se taqsam mal-Ministru numru ta' ħsibijiet u proposti.

Is-Sur Mark Demarco qal li, bħala assoċjazzjoni, saru diversi proposti lill-Borża ta' Malta; fost dawk li twettqu kien hemm: it-tnaqqis fl-ispejjeż tax-xiri u l-bejgħ, kif ukoll inizjattivi oħra bil-għan li jerġa' jitqajjem is-suq. Huwa nnota li, kif jaf kulħadd, il-volumi u t-tranżazzjonijiet qed jonqsu, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jiġu ssuġġeriti miżuri biex jiġi stimulat l-investiment. Fost dawn is-suġġerimenti semma li l-iskemi tat-tielet pilastru (*Third Pillar Schemes*) jinvestu fis-suq lokali, u żied li kienu saru diskussjonijiet mal-MFSA dwar dan is-suġġett. Huwa enfasizza wkoll il-bżonn li jinstab mod kif jiġi mħeġġeġ aktar negozju fuq il-Borża ta' Malta.

Is-Sur Demarco tkellem ukoll dwar is-sitwazzjoni fejn ċerti kumpaniji għal snin sħaħ ma jqassmux dividendi jew jixtru lura l-ishma tagħhom bi prezzijiet baxxi. Huwa esprima x-xewqa li jkun hemm xi inċentivi, pereżempju fiskali, min-naħa tal-Gvern, u osserva li f'ħafna każijiet l-azzjonisti maġġoritarji jagħmlu li jridu.

Is-Sur John Cachia semma kumpaniji speċifiċi li bħalissa qed joħolqu problemi fis-suq lokali. Huwa tkellem fit-tul dwar il-każ tal-Malita u l-iżviluppi li wasslu għas-sitwazzjoni attwali, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' rappreżentanza tal-azzjonisti minoritarji fuq il-bordijiet tad-diretturi.

Is-Sur Mark Demarco kompla billi qal li l-awtoritajiet għandhom isaħħu s-superviżjoni fuq diversi kumpaniji u li għandu jinħoloq qafas regolatorju aktar sod. Sussegwentement, ħa l-kelma l-Ministru, li qal li fil-każ tal-Pillar II u l-Pillar III tal-pensjonijiet, parti mill-fondi tista' tiġi investita fis-suq lokali. Huwa spjega wkoll li jiltaqa' regolarment, kull xahar, mal-MFSA u li jinsab lest li jqajjem il-punti kollha li ġew diskussi matul il-laqgħa, filwaqt li għalhekk ried li jisma' wkoll l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni.

Aktar tard, saret diskussjoni dettaljata mal-Ministru dwar l-HSBC, fejn ġew diskussi diversi aspetti relatati ma' dan is-suġġett. Lejn tmiem din il-laqgħa importanti, is-Sur Anthony Farrugia ppreżenta statistika dwar il-Borża ta' Malta matul l-aħħar ħames snin. Is-Sur Mark Demarco enfasizza li s-superviżjoni tal-kumpaniji elenkati trid titjieb. Fl-aħħar nett, is-Sur Clyde Caruana qal li se jkellem lill-MFSA dwar dawn il-punti kollha li tqajmu matul il-laqgħa.

**Fl-24 ta' Novembru 2025**, filgħaxija, numru ta' membri mill-Kumitat tal-MASS, attendew seminar ieħor organizzat mill-Bank of Valletta (BOV), li sar fix-Xara Lodge, ir-Rabat. Is-seminar kien bit-tema *Beyond Inflation: Unlocking Opportunities in 2026*. L-introduzzjoni saret mis-Sur Giovanni Cachia, filwaqt li wara s-Sur Simon Azzopardi għamel il-messaġġ tiegħu. Sussegwentement, is-Sur Cachia ppreżenta l-aġenda tas-serata, li kienet tinkludi: preżentazzjoni, rimarki introduttorji, ħarsa ġenerali lejn is-suq u l-andament tiegħu, diskussjonijiet f'*panels*, u fl-aħħar sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.




moneybase

Premium investing, with **ultra low fees** on the Malta Stock Exchange.

**IPOs**
**No fees.**

**Stocks & Bonds**
From **€1.25**, max **0.1%.**

**Treasury Bills**
From **€9.99**, max **0.05%.**




Calamatta Cuschieri | moneybase

This is a marketing communication. The value of investments may go up as well as down and investors might not get back the original amount invested. All rates available on moneybase.com/invest/stocks/. Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (CCIS) C13729 is licensed by the MFSA to provide investment services under the Investment Services Act. CCIS registered address at Level 0, Ewropa Business Centre, Dun Karm Street, Birkirkara BKR 9034, Malta.

Wara, is-Sur Robert Grech ta stampa ċara tal-qagħda ekonomika, fejn beda jiddiskuti l-inflazzjoni fl-Istati Uniti u fl-Ewropa. Kompla billi analizza l-ekonomiji kemm tal-Istati Uniti kif ukoll tal-Ewropa, u tkellem ukoll dwar id-dejn u d-deficit f'dawn ir-reġjuni. Sussegwentement dar fuq l-ekonomija Maltija u, fl-aħħar nett, indirizza l-andament tas-swieq finanzjarji.

Fl-aħħar tas-serata sar *panel* b'4 parteċipanti, li matulu saret diskussjoni dwar kif imxew is-swieq finanzjarji matul is-sena 2025. Għal dan is-seminar attendew numru sabiħ ta' nies u kien ta' interess kbir għal dawk preżenti. Fl-aħħar tas-sessjoni ngħata wkoll spazju għal diversi mistoqsijiet mill-udjenza.











# Moneybase Community Event at Calamatta-Cuschieri – 22/01/2026

*Summary report by Mark De Marco*



## Overview of the Event

The Moneybase Community Event, held at Calamatta-Cuschieri on 22nd January 2026, offered attendees a valuable opportunity to gain deeper insights into the Moneybase Platform. These gatherings are designed to be both informative and educational, enabling participants to further their understanding of market trends and the features of Moneybase.

## Current Market Performance

A notable recovery is currently observable in the US markets, which continue to hold their position as the foremost global capital markets. Over the past twelve months, the major US indices have recorded significant growth: the S&P 500 rose by 16%, the Nasdaq increased by 20.4%, and the Dow Jones advanced by 13%. In Europe, the Euro Stoxx also experienced a strong performance, appreciating by 16.7% during the same period.

## Foreign Exchange Developments

The EUR/USD foreign exchange rate has reflected a weaker US dollar over the past year, with the rate moving from approximately 1.03 at the start of 2025 to 1.175 by the beginning of 2026.

## Factors Contributing to Market Volatility

The markets have experienced considerable volatility, influenced by ongoing geopolitical tensions and unpredictable statements from US President Trump concerning Greenland, Europe, tariffs, and Venezuela. Another key factor is the participation of retail investors, who now constitute 20% of the US market, further contributing to the fluctuations observed.

## Implications of Market Volatility

Volatility presents both opportunities and risks for investors. For those actively trading, it can allow for short-term gains if they are able to identify optimal moments to buy and sell. Conversely, long-term investors may find these periods to be challenging and marked by uncertainty.

It is essential for investors to utilise analytical tools to assess and determine the most advantageous entry and exit points. Despite the prevailing volatility, many opportunities remain available for building and consolidating investment portfolios.

## Economic Outlook

From an economic perspective, the American market continues to outpace European markets in terms of growth.



# Uħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom

Dear Tarcisio
I would like to express my sincere appreciation and thanks for sending the notices for the upcoming meetings. I am particularly grateful for the MIA company presentation. I would greatly appreciate it if you could kindly send me the presentation materials from the meetings, as I consider them very important and interesting.
Thank you for your understanding and assistance. – **J.G.**

Tarcisio,
Nissuġġerilek tara tistax torganizza *Lecture* dwar il-*Buybacks*: vantaġġi, żvantaġġi, eċċ bi tħejjija dwar *Buybacks* mil-BOV eċċ... F'idejk, agħżel int l-aħjar li tara. Saħħa. – **A.P.**

Prosit vera interessanti. Grazzi. – **M.C.**

Grazzi ħafna Sur Barbara talli żżommna nfurmati. – **M.M.**

Good afternoon,
I am a shareholder in HSBC. I am very concerned at the downward trend of the share price of HSBC. Once HSBC finalise the sale to the Greek bank, the Greek bank would have to make an offer to the minority shareholders for their shares. The price at which this offer could be made would be, as a minimum, the average weighted price that the shares would have been traded 6 months prior. I feel that the motives for driving down the price here might not be totally aligned between the majority shareholder and the minority shareholders. The Directors, especially those representing the minority shareholders, have a duty to protect the interests of the minority shareholders here. How could shares with a net asset value of €1.70 and which in 2024 paid out a dividend of €0.224 gross for the full year ( H1 2024 gross dividend of 10c) still pay out a dividend in H1 2025 of 10c whilst having much lower profitability. More importantly, surely the share price must be higher or am I being paranoid? What are my shares likely to be worth?

I would appreciate your insights here. Kind regards. – **A.L.P.**

Ħbieb, x'inhi r-raġuni vera li l-Fimbank ħallas dik it-taxxa kollha? Kważi l-profitt kollu ta' qabel it-taxxa? Kellhom xi qabda arretrati tas-snin ta' qabel jew il-figuri ħżiena??!!!. Prosit tax-xoghol kbir li għamiltu u l-ħin li ddedikajtu għalina l-azzjonisti. Naqbel li għamiltu proposti *Vision 2050* u rapport minn John Cachia dwar għajnuna lill-NGOs. Saħħa. – **A.P**.

Prosit u Grazzi. – **J.C.**

Għażiż Sur Barbara (PRO MASS),
Nispera li inti tinsab tajjeb.
Dwar il-bejgħ tal-HSBC bank, jekk jogħġbok, tista' tweġibni dawn il-mistoqsijiet?
1. Il-ftehim tal-HSBC mal-Credia hu finali?
2. Il-prezz ta' €1.44 naħseb laqat ħażin ħafna lill-membri. Tista' jew qiegħda ssir jew saret diġà pressjoni mill-MASS biex jiġi offrut prezz aħjar? Il-Credia qalet li marret tajjeb ħafna. Aħna li ilna snin insostnu lill-HSBC kif ser jikkumpensana l-HSBC?
3. Min jagħżel li ma jbigħx l-ishma tiegħu issa, l-ishma tiegħu ser jgħaddu awtomatikament għand il-Credia meta uffiċjalment jieħu over?
Grazzi u tislijiet. – **A.B.**

Sir, can you suggest a trusted person/company who can set my portfolio with low risk and secure investment?
Thank you. Regards. – **S.D.**

★ ★ ★ ★ ★ ★

**Ninfurmaw lil kulħadd li dawn il-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom, fejn kien possibbli kollha ġew imwieġba. Grazzi lil kulħadd.**

# Avviżi

## TOUR ~ FORTI MANOEL - MANOEL ISLAND

**Data:** Il-Ħamis 5 ta' Frar 2026

Se niltaqgħu barra l-Bieb ta' Forti Manoel fl-10:00 ta' filgħodu. Biex taslu hemmhekk, jekk jogħġobkom, għaddu mill-bieb tas-sigurtà tal-MIDI f'Manoel Island, li jiggwidakom sal-parkeġġ barra l-Forti.

Min se jattendi jrid jagħtina ismu, ID, u numru tal-karozza – b'messaġġ jew imejl.

## IL-110 KONFERENZA TA' FRAR

**Data:** It-Tlieta 17 ta' Frar 2026
**Suġġett:** Ir-Riskju tal-Bonds (The Risk of Bonds)
**Kelliema:** Ms Francesca Grech - Senior Manager, Capital Markets Supervision, MFSA.
**Post:** Radisson Hotel, San Ġiljan (Kafè fis-5:30pm u l-laqgħa tibda fis-6:00pm)
(Mhux kif avżata aktar kmieni ġewwa l-Borża ta' Malta, minħabba l-Karnival.)

**Qed jiġu ppjanati konferenzi oħrajn fuq suġġetti importanti li dwarhom membri tal-MASS qed juru interess. Dawn il-konferenzi se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' imejl.**

## MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-Newsletter: Shareholders' News kważi kull xahar bil-posta lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, il-fuljett ma jirċevuhx regolarment.

Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna.
Inħeġġeġ lil dawn il-membri (The Residents) biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar, kif ukoll jieħdu l-benefiċċji kollha mill-Assoċjazzjoni, fosthom li jattendu laqgħat u konferenzi, inkluż xi bibiti.

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** **(IKTEB B'ITTRI KBAR)**

NIXTIEQ INSIR MEMBRU / INĠEDDED IS-SĦUBIJA TAL-

**MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS**.

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

Kodiċi Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ____________

Qed nibgħat ċekk ta' €_______, f'isem il-MASS.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

## Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)

### DIAMOND

MALTA STOCK EXCHANGE

### PLATINUM

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

APS bank – values you can bank on

BOV Bank of Valletta

HSBC

### GOLD

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

M&Z

moneybase

bmit

### SILVER

Convenience Online

FIMBANK

GO

LOMBARD

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

MEDSERV

REGIS

PG plc

Farsons

malta post

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

MAIN STREET

MAPFRE MIDDLESEA

MIDI

Plaza

### BRONZE

TRIDENT ESTATES PLC

Malta Properties

VBL Group

Jesmond Mizzi

AX GROUP